# JA XBEJBA MQITA

Ja xbejba mqita !
għaddejt mill-ġnien, fi sbieħ ix-xemx, dalgħodu,
w ilmaħt warda tinfetaħ,
saħħritni bi fweħitha biex naqtagħha
u lewnha seraq dawl għajnejja w ħsiebi.
Kont nagħti ħajjti biex nagħmilha tiegħi.
Kif ersaqt lejha w qbadtha bejn subagħjja
deherli li smajtha
tlissen daw 'l kelmiet qishom ċanfira :
"mur, inti ma tixraqlix, ma rridekx b'sidi."
... niżżilt idejja w tlaqt bid-dmugħ f'għajnejja.

Għaddejt mill-ġnien, fi nżul ix-xemx, fl-għaxija,
erġajt fittixt il-warda ta' fil-għodu....
ilmaħtha, msejkna, fuq zokkitha mmejla
imneżżgħa minn fwiħitha
bla lewn, midbiela,
ma għjieb ix-xemx
intbaħt li wkoll malajr għabet sbuħitha....
tgħid int jiġrilek hekk
ja xbejba mqita ?

4.2.33 KARM VELLA